

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet](#) > [Reġistri Dwar Il-fallimenti U L-insolvenza](#) > Romania

Reġistri dwar il-fallimenti u l-insolvenza

Il-kontenut ipprovdut minn Rumanija

Rumanija



Din it-taqsimha ttiprovdi ħarsa ġenerali lejn il-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza - ir-Reġistru Rumen tal-Insolvenza, stabbilit mill-Ministeru tal-Ġustizzja - l-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ Nazzjonali

X'informazzjoni jipprovdi r-Reġistru Rumen tal-Insolvenza?

Il-proċedimenti ta' insolvenza fir-Rumanija

[Il-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza \(BPI\)](#), ippubblikat elettronikament mill-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tan-Negozju, iħarrek il-partijiet, joħroġ avviżi u konvokazzjonijiet, u jipprovdi notifiċi tal-atti proċedurali maħruġa mill-qrati u l-amministraturi tal-insolvenza/likwidaturi waqt il-proċedimenti tal-insolvenza skont il-Liġi Nru 85/2014 dwar il-prevenzjoni tal-insolvenza u l-proċedimenti tal-insolvenza.

“Debituri — persuni fiżiċi b'obbligi li ma jirriżultawx mill-operat ta' impriża” hija taqsimha tal-Bullettin dwar il-Proċedimenti ta' Insolvenza, ippubblikat elettronikament mill-Uffiċċju Nazzjonali tar-Reġistru tan-Negozju, li l-għan tagħha huwa li tippubblika, f'konformità mal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali, id-deċiżjonijiet tal-kumitat tal-insolvenza u s-sentenzi tal-qorti, kif ukoll atti oħrajn li l-pubblikazzjoni tagħhom hija prevista mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 151/2015 dwar l-insolvenza ta' persuni fiżiċi;

Proċedura ta' insolvenza għal persuni ġuridiċi:

Il-proċedura ġenerali tal-insolvenza tapplika:

1. għall-professjonisti (dawk kollha li joperaw impriża), bl-eċċezzjoni ta' dawk li jipprattikaw il-professjonijiet liberi u dawk li hemm dispożizzjonijiet speċjali relatati mar-reġim tal-insolvenza għalihom.

Il-proċedura ssimplifikata tal-insolvenza tapplika:

1. għall-professjonisti;

- il-kummerċjanti waħdiena;
- il-kumpaniji b'membru wieħed u għan-negozji tal-familja.

2. għad-debituri li jissodisfaw għadd ta' kriterji speċifiċi, jiġifieri:

- ma jkollhomx assi;
- id-dokumenti kostitutivi jew tal-kontijiet ma jkunux jistgħu jinstabu;
- l-amministratur ma jkunx jista' jinstab;
- l-uffiċċju rreġistrat ma jkunx għadu jeżisti jew ma jkunx għadu l-istess wieħed li hemm irreġistrat fir-reġistru kummerċjali; ma jkunux ppreżentaw id-dokumenti rikjesti mil-liġi;
- ikunu s-suġġett ta' xoljiment qabel ma jiġi ppreżentat ir-rikors;
- ikunu ddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jfallu jew ma jkunux intitolati għal riorganizzazzjoni ġudizzjarja.

Mill-aħħar ta' Ġunju 2014 'l hawn, il-proċedura tal-insolvenza għall-persuni ġuridiċi hija rregolata mil-Liġi Nru 85/2014 dwar il-prevenzjoni tal-insolvenza u il-proċedimenti tal-insolvenza, li d-dispożizzjonijiet tagħha japplikaw għall-proċessi legali mibdija wara d-dħul fis-seħħ tagħha. Il-proċessi legali mibdija qabel id-dħul fis-seħħ tal-Liġi Nru 85/2014 għadhom soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 85/2006 dwar il-proċedimenti tal-insolvenza.

Il-proċedura ta' insolvenza ta' persuni fiżiċi, irregolata mid-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 151/2015 dwar l-insolvenza ta' persuni fiżiċi, fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2018, għandha tapplika għal debitur fiżiku li l-obbligi tiegħu ma jirriżultawx mill-operat ta' impriża u li:

- kien domiċiljat/residenti/abitwalment residenti fir-Rumanija għal mill-inqas 6 xhur qabel is-sottomissjoni tat-talba;
- ikun insolventi;
- ikollu ammont totali ta' obbligi pendenti mill-inqas ugwali għall-valur tal-livell limitu (15-il paga minima għal kull ekonomija).

Il-proċedura ta' insolvenza għal persuni fiżiċi tista' tkun:

- proċedimenti abbażi tal-pjan tar-ripagament tad-dejn;
- proċedimenti ġudizzjarji ta' insolvenza permezz tal-likwidazzjoni tal-assi;
- proċedimenti ta' insolvenza simplifikati.

Il-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza

X'informazzjoni jinkludi?

Il-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza fih l-atti proċedurali kollha maħruġa mill-qrati u mill-amministraturi tal-insolvenza/likwidaturi matul il-proċedimenti tal-insolvenza, jiġifieri:

- taħrikiet;
- komunikazzjonijiet;
- avviżi;
- avviżi ta' laqgħat;
- sentenzi;
- atti proċedurali oħrajn meħtieġa mil-liġi (rapporti maħruġa mill-amministratur tal-insolvenza/likwidatur, pjanijiet ta' riorganizzazzjoni ġudizzjarja, tħabbir).

It-Taqsima "Debituri — persuni fiżiċi b'obbligi li ma jirriżultawx mill-operat ta' impriża" tal-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza tinkludi dokumenti proċedurali previsti għall-pubblikazzjoni skont il-Liġi Nru 151/2015 dwar l-insolvenza ta' persuni fiżiċi.

kif inhu strutturat is-sit web tal-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza?

[Is-sit tal-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza](#) jinkludi aċċess għal dan li ġej:

- informazzjoni bla ħlas;
- informazzjoni rigward l-istruttura tal-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ Nazzjonali, id-Direttorat għall-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza;
- leġiżlazzjoni speċifika, formoli pprovduti/ippublikati mill-Bullettin u atti proċedurali.

Is-sit tal-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza (BPI) tinkludi t-taqsimiet li ġejjin:

- informazzjoni rigward l-istabbiliment tal-BPI;
- atti leġiżlattivi;
- organigrama tal-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ Nazzjonali, l-uffiċċji tar-reġistri tal-kummerċ marbutin mal-qrati u l-BPI;
- dizżjunarju ġuridiku (insolvenza);
- *data* statistika mill-BPI;
- tariffi;
- informazzjoni ta' kuntatt.

Il-formoli tal-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza jistgħu jiġu aċċessati [mill-portal tas-servizzi elettroniċi tal-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ Nazzjonali](#) fit-taqsimha ddedikata għall-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza, li hija strutturata kif ġej:

1. Servizzi BPI:

- “Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza online” (bi ħlas);
- “Taqsimha tal-ħarġa tal-BPI” (informazzjoni bla ħlas);
- “Persuni ppubblikati fil-BPI” (informazzjoni bla ħlas).

2. Formoli relatati mal-attivitajiet ta’ pubblikazzjoni tal-BPI:

- Formoli online għall-pubblikazzjoni fil-BPI;
- Formoli offline għall-pubblikazzjoni fil-BPI.

3. Formoli relatati mal-attivitajiet ta’ disseminazzjoni tal-informazzjoni tal-BPI:

- Formoli online biex tingħata informazzjoni lill-BPI;
- Formoli offline biex tingħata informazzjoni lill-BPI.

4. Statistika

L-aċċess għar-Reġistru tal-Insolvenza tar-Rumanija huwa bla ħlas?

Il-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza jiġi ppubblikat f’format elettroniku. Il-verżjoni elektronika tal-Bullettin tinsab online:

- fit-taqsimha tal-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza [tal-portal tas-servizzi elettroniċi tal-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ Nazzjonali](#)

L-aċċess għas-servizzi pprovduti mill-BPI huwa divrenzjat:

- I-utenti jistgħu jidhru fis-sit web uffiċjali tal-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza bla ħlas u mingħajr ma jirreġistraw;
- L-aċċess għall-portal tas-servizzi elettroniċi tal-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ Nazzjonali jirrikjedi li wieħed jirreġistra bħala utent;
- L-aċċess għall-“Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza online” jingħata malli wieħed jirreġistra bħala utent u jħallas l-abbonament;
- L-aċċess għat-“taqsimha tal-ħarġa tal-BPI” u l-“Persuni ppubblikati fil-BPI” huwa bla ħlas u jirrikjedi biss li wieħed jirreġistra bħala utent.
- L-aċċess għas-servizzi: It-Taqsimha “Persuni ppubblikati fil-BPI” u t-taqsimha “Debituri — persuni fiżiċi b’obbligi li ma jirriżultawx mill-operat ta’ impriża” jeħtieġu awtentikazzjoni u huma mingħajr ħlas għad-debituri, il-kredituri, l-amministraturi tal-proċedimenti u l-likwidaturi (f’kull kawża ta’ insolvenza fejn ikollhom waħda minn dawn il-kapaċitajiet), u għall-komitati tal-insolvenza u l-qorti, l-aċċess għall-kawża kollha ta’ insolvenza huwa mingħajr ħlas.

Kif tfittex fir-Reġistru tal-Insolvenza Rumen

Fil-“Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza online”, it-tiftix jista’ jsir: bl-użu tan-numru u s-sena tal-pubblikazzjoni ta’ ħarġa tal-BPI, b’isem il-persuna ppubblikata fil-BPI, bin-numru ta’ identifikazzjoni tat-taxxa, bin-numru tar-reġistrazzjoni tar-Reġistru tal-Kummerċ, bin-numru ta’ referenza tal-kawża l-qorti jew bl-intervall tal-pubblikazzjoni tal-BPI. B’abbonament bil-ħlas, l-abbonati jistgħu jaċċessaw ħarġiet antiki li jkun fihom atti proċedurali fis-sħiħ.

Wieħed jista’ jfittex it-“taqsimha ta’ ħarġa tal-BPI” bin-numru u d-data tal-ħarġa tal-BPI. L-informazzjoni li ġejja tista’ tiġi aċċessata bla ħlas:

- it-tip ta’ atti proċedurali ppubblikati fil-Bullettin (pereżempju: taħrika, deċiżjoni għall-ftuħ ta’ proċedimenti ta’ insolvenza, notifika tal-ftuħ ta’ proċedimenti ta’ insolvenza, konvokazzjoni għal laqgħa tal-kredituri, rapport ta’ attività, pjan ta’ riorganizzazzjoni, deċiżjoni għall-ftuħ ta’ proċedimenti ta’ falliment, notifika ta’

ftuħ ta' proċedimenti ta' falliment, pjan ta' distribuzzjoni, rapport finali, deċiżjoni biex jingħalqu proċedimenti ta' insolvenza, eċċ.);

- isem il-persuna ppubblikata fil-BPI;
- il-kontea li l-persuna ġuridika ppubblikata fil-BPI għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fil-ġurisdizzjoni tagħha;
- in-numru ta' referenza tat-taxxa;
- in-numru tal-entrata fir-reġistru.

Tista' tfittex fis-servizz "Persuni ppubblikati fil-BPI" bl-użu tan-numru u s-sena tal-pubblikazzjoni ta' ħarġa tal-BPI, b'isem id-debitur, bin-numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa, bin-numru tar-reġistrazzjoni tar-Reġistru tal-Kummerċ, bin-numru ta' referenza tal-kawża l-qorti jew bl-intervall tal-pubblikazzjoni tal-BPI. L-informazzjoni li ġejja tista' tiġi aċċessata bla ħlas:

- isem;
- in-numru ta' referenza tat-taxxa;
- numru ta' reġistrazzjoni tal-persuna ppubblikata fil-BPI;
- il-kontea li l-persuna ġuridika ppubblikata fil-BPI għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fil-ġurisdizzjoni tagħha;
- in-numru tal-kawża tal-insolvenza u isem il-qorti li l-kawża tkun irreġistrata għandha;
- in-numri/snin tal-bullettini li d-dokumenti proċedurali ġew ippubblikati fihom;
- it-tip ta' proċedimenti ta' insolvenza;
- id-data tal-ewwel seduta stabbilita wara li jinfetħu l-proċedimenti ta' insolvenza, meta tkun applikabbli.

Tista' tfittex fis-servizz "Persuni ppubblikati fil-BPI" fit-taqsimha "Debituri — persuni fiżiċi b'obbligi li ma jirriżultawx mill-operat ta' impriża" bil-kunjom, bl-isem, bin-numru tal-identifikazzjoni personali, bid-data tat-twelid u l-post tat-twelid tad-debitur, bin-numru u s-sena tal-pubblikazzjoni ta' ħarġa tal-BPI, bin-numru tal-atti tal-insolvenza, bl-intervall tal-pubblikazzjoni. L-informazzjoni li ġejja hija aċċessibbli:

- kunjom u isem id-debitur fiżiku;
- in-numru ta' identifikazzjoni personali tad-debitur;
- l-indirizz tad-debitur;
- id-data tal-identifikazzjoni u l-indirizz tal-amministratur proċedurali/tal-likwidatur;
- dokumenti proċedurali ppubblikati - isem, numru u data, qorti/kumitat tal-insolvenza, numru u data tal-bullettin, tip ta' proċedimenti ta' insolvenza.

Tista' tfittex fit-taqsimha "Debituri — persuni fiżiċi b'obbligi li ma jirriżultawx mill-operat ta' impriża" tal-BPI bil-kunjom, bl-isem, bin-numru tal-identifikazzjoni personali, bid-data tat-twelid u l-post tat-twelid tad-debitur, bin-numru u s-sena tal-pubblikazzjoni ta' ħarġa tal-BPI, bin-numru tal-atti tal-insolvenza, bl-intervall tal-pubblikazzjoni. F'dik it-taqsimha n-numri li d-dokumenti proċedurali jingħataw bihom huma aċċessibbli.

L-istorja tar-Reġistru tal-Insolvenza Rumen

Il-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza ġie stabbilit fl-2006, skont il-Liġi Nru 86/2006 dwar il-proċedimenti tal-insolvenza.

It-taqsimha intitolata "Debituri — persuni fiżiċi b'obbligi li ma jirriżultawx mill-operat ta' impriża" ilha inkluża fil-BPI mill-2018.

L-għan prinċipali tal-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza Rumen huwa l-ottimizzazzjoni kontinwa tas-sistema elettronika tat-taħrikiet, l-avviżi, il-konvokazzjonijiet u n-notifiki tal-atti proċedurali ppubblikati.

Il-benefiċċji tar-Reġistru tal-Insolvenza Rumen

Il-pubblikazzjoni tal-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza għandha benefiċċji ċari:

- taċċellera l-proċedimenti tal-insolvenza u tissimplifika l-komunikazzjoni tat-taħrikiet, il-konvokazzjonijiet, in-notifiki, id-deċiżjonijiet tal-qorti u atti proċedurali oħrajn maħruġa mill-qrati u l-amministraturi tal-insolvenza/likwidaturi, u b'hekk tistabbilixxi proċedura ta' komunikazzjoni elettronika;
- tgħaqqad u tistandardizza l-atti proċedurali maħruġa mill-qrati u l-amministraturi tal-

insolvenza/likwidaturi;

- tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' bażi ta' *data* nazzjonali ta' atti proċedurali maħruġin mill-qrati u l-amministraturi tal-insolvenza/likwidaturi (jiġifieri taħrikiet, avviżi, deċiżjonijiet tal-qorti, konvokazzjonijiet, notifiki, rapporti, pjanijiet ta' riorganizzazzjoni);
- tiffaċilita d-dħul malajr fir-Reġistru tal-Kummerċ/reġistri oħrajn tan-notifiki tal-insolvenza maħruġin skont il-Liġi Nru 85/2014 dwar il-prevenzjoni tal-insolvenza u l-proċedimenti tal-insolvenza li jridu jiġu rreġistrati fir-reġistru;
- tagħti aċċess lill-persuni interessati għall-atti proċedurali maħruġa mill-qrati u l-amministraturi tal-insolvenza/likwidaturi.

Ħoloq rilevanti

[Is-sit web uffiċjali tal-Bullettin dwar il-Proċedimenti tal-Insolvenza tar-Rumanija](#)

[Is-sit uffiċjali tar-Reġistru tal-Kummerċ tar-Rumanija](#)

[It-Taqsima “Debituri — persuni fiżiċi b’obbligi li ma jirriżultawx mill-operat ta’ impriża” tal-Bullettin dwar il-Proċedimenti ta’ Insolvenza](#)

[Il-portal tas-servizzi elettroniċi tal-Uffiċċju tar-Reġistru tal-Kummerċ Nazzjonali Rumen](#)

L-aħħar aġġornament: 25/04/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.